Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9806 — Hyundai Capital Bank Europe/Sixt Leasing)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 196/07)

1. Fl-4 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hyundai Capital Bank Europe GmbH ("HCBE", il-Ġermanja), ikkontrollata bi sħab minn Santander Consumer Bank AG ("SCB", il-Ġermanja) u Hyundai Capital Services, Inc. ("HCS", il-Korea t'Isfel),

— Sixt Leasing SE ("Sixt Leasing", il-Ġermanja).

HCBE takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Sixt Leasing kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-21 ta' Frar 2020.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— HCBE: bank li huwa attiv f'servizzi ta' finanzjament tal-karozzi, fosthom kirjiet finanzjarji, u d-distribuzzjoni tal-assigurazzjonijiet, fil-Ġermanja. HCBE hija ikkontrollata bi sħab minn SCB u HCS. SCB u l-grupp Santander ibbażat fi Spanja li tiegħu SCB tagħmel parti, joffru kiri u servizzi oħra ta' finanzjament tal-karozzi kif ukoll jiddistribwixxu l-assigurazzjonijiet fil-Ġermanja, fi Franza u fl-Awstrija u f'diversi pajjiżi oħra taż-ŻEE. HCS hija l-fergħa tas-servizzi finanzjarji tal-kumpanija mill-Korea t'isfel li timmanifattura l-karozzi, Hyundai Motor Group,

— Sixt Leasing: hija kumpanija bbażata fil-Ġermanja li toffri kiri ta' karozzi u servizzi ta' ġestjoni relatati mal-flotta ta' karozzi fil-Ġermanja, Franza u l-Awstrija. Il-kumpanija distribwixxi wkoll l-assigurazzjonijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9806 — Hyundai Capital Bank Europe/Sixt Leasing

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË